Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-2 ta' Gunju 2025**

**Distrett Hamrun**

**Il-Pulizija**
**(Spt Ian Vella)**

**Versus**

**Elena Grech**
**(Karta tal-Identita' nru. 600297M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra **Elena Grech** detentrici tal-karta ta' identita' bin-numru 600297M.

Akkuzata talli fl-24 ta' Jannar 2024 ghal habta ta' bejn 14.53hrs u 15.00hrs fi Triq il-Kanun, Santa Venera:

1. Ingurjat, jew heddedt jew ghamlet offiza fuq il- persuna ta' PC2128, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza' jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi waqt l-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz. Art. 95 tal-Kap. 9.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-affidavit taghha PC 2450 iddikjarat illi fil-25 ta' Jannar 2024 ghal habta tal-11.00am kienet stazzjonata l-ghassa ta' Santa Venera u rraportat l-ghassa Elena Grech li giet mitkelma dwar incident li sehh fl-24 ta' Jannar 2024 ghal-habta ta' 14.54 fejn inghatat id-dritt tal-avukat u rrinunzjat ghal dan id-dritt. Iffirmat dikjarazzjoni li ttiehdet minn PC2450 fil-prezenza ta' Elena Grech u PC1107. Elena stqarret li kienet xoghol gewwa Mille Profumi f'Santa Venera fl-24 ta' Jannar 2024 mis-13.00 sas 19.00 u pparkjat il-vettura taghha Toyota mudell Passo bin-numru KBW429. Fl-istqarrija ikkonfermat illi ghajtet lill-Pulizija u saqsietha ghalfejn tatha citazzjoni ghax dak il-hin ratha dimonju, u bdiet tghajjat maghha u tidghi ghax messha cemplitilha, jew marret tghidilha biex iccaqlaq il-karozza ghax kienet tahdem fl-akwati u ma ssibx fejn tipparkja. PC 2450 saqsietha jekk offendithiex, izda l-imputata qalet li m'offendithiex imma tkellmet hazin u daghat u ghajtet mal-Pulizija. Elena skuzat ruhha ghax dak il-hin kienet irrabjata.

Illi PC 2128 iddikjarat fl-Affidavit taghha, illi fl-24 ta' Jannar 2024 ghal-habta ta' 14.54 filwaqt illi kienet fuq ronda Santa Venera, innutat karozza Toyota Passo bin-numru KBW429, li kienet wieqfa fuq zewg linji sofor u harget kontravvenzjoni b'numru 313-04834-9, fejn ipprezentat ritratt tal-vettura pparkjata. Ghal-habta ta' 14.46 avvicinatha persuna femminili fejn qaltilha, 'ghalfejn hrigt citazzjoni fuq il-vettura KBW429' flok cemplitilha jew marret tfittxha ghax tahdem vicin. Hi mill-ewwel xeghlet il-bodycam u qaltilha li daret diversi stabbilimenti fil-vicin sabiex ssib is-sewwieq, izda ma sabitx ta' min kienet, u li hi kienet ipparkjata illegalment fuq zewg linji sofor. Il-persuna femminili wegbitha *'Haq Alla'* u qalet kliem baxx iehor, u hi qaltilha li ma kellhiex ghalfejn tidghi u tghajjat ma' Ufficjal tal-Pulizija li kienet qieghda taghmel xogholha. Il-persuna bdiet miexja lura lejn ix-xoghol u bdiet tghidilha *'foxx kemm ghandek u foxx il-mejtin tieghek'*. Mill-istharrig li sar fuq is-sistema tal-Pulizija irrizulta li Elena Grech kienet is-sid tal-vettura bin-numru KBW429 u hi identifikatha bhala l-istess persuna li kienet kellmet.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-trattazzjoni taghha d-difiza ikkontestat z-zewg affidavits tal-Pulizija bhala inammissibbli ghax ma giex indikat il-lok ta' fejn ittiehed il-gurament. Skond l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Ligijiet ta' Malta jrid ikun indikat sewwa l-lok mill-Kummissjunarju li jiehu l-gurament.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **'Pulizija vs Jan Christoffer Oskarsson'**[1] fejn inghad illi,

"L-ewwel eċċezzjoni tikkonċerna l fatt li fl affidavits tal-Pulizija ma ġiex indikat il-lok ta' fejn ingħata l ġurament. L-Artikolu 360A tal Kap. 9 jagħti l-possibilita lill-Prosekuzzjoni li hija tippreżenta affidavits ta' uffiċjali tal-Pulizija minflok ma dawn joqogħdu jitilgħu jixhdu di persona waqt proċeduri sommarji quddiem din il Qorti. Il ġurament lill-Uffiċjal tal-Pulizija normalment jingħata minn uffiċjal tal-Pulizija li jkun ukoll Kummissarju b 'setgħa li jagħti ġuramenti nominat fit -termini tal Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta l-Ordinanza dwar il-Kummissjonarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament.

L-artikolu 7 tal Kap. 79 tal Liġijiet ta' Malta jispeċifika li:

"Kull Kummissjunarju li quddiemu jigi mehud gurament jew maghmul affidavit bis-sahha ta' din l-Ordinanza ghandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-gurament ikun gie mehud jew l-affidavit ikun sar"

Minn qari ta' dan l artikolu tal-liġi huwa ċar li l-liġi tassattivament tirrikjedi li jiġi speċifikat il-lok ta' fejn ikun ingħata l-ġurament. Infatti l-leġislatur juża l-kelma "għandu jiddikjara" u jikkwalifikaha wkoll bil-kelma "sewwa". Il-leġislatur ma użax il kelma "jista'" f'liema każ kien ikun biss fakultattiv li jiġi indikat il-lok fejn ingħata l-ġurament. Fil-verżjoni Ingliża il-kliem li jintuża huwa "shall state truly" li wkoll jindika obbligu tassattiv. **Dan ifisser li l-Kummissarju b'setgħa li jagħti guramenti huwa obbligat bil-liġi li jindika l-lok fejn huwa issomministra l-ġurament lix xhud.**

Fil-każ in eżami il-Qorti tinnota li fiż-żewġ affidavits tal-Pulizija li ġew prodotti, il-lok fejn ingħata l-ġurament ma ġiex indikat. Għalkemm fl-istess affidavits hemm spazju fejn għandu jitniżżel il-lok fejn ittieħed il-

[1] Deciza 19 ta' Lulju 2024, Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr Jean Paul Grech

ġurament, il-lok għal xi raġuni jew oħra baqa'ma ġiex indikat. Hemm biss timbru li jindika l-isem tal-persuna li ta l-ġurament u d-data meta ittieħed il-ġurament mingħajr l-ebda indikazzjoni tal-lok."

Illi l-Qorti kif preseduta qed tara illi l-Affidavits ta' PC2450 Hertian Vassallo kif ukoll ta' PC 2128 B Azzopardi jonqoshom dan l-element tassattiv u dan peress illi ghalkemm hemm it-timbru, l-firma u d-data ta' meta il-Kummissjunarju ta l-gurament lill- Ufficcjali tal-Pulizija, dan naqas milli jnizzel il-lok ta' fejn inghata dan il-gurament.

Stante dan in-nuqqas, il-Qorti qed tiddeciedi illi l-Affidavits ta' PC 2450 u PC 2128 huma inammissibli u stante li dawn kienu l-ahjar prova li ngabu mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti hija konvinta illi l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputata ma gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

## Decide

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti **qed issib lill-imputata mhux hatja** u qed tilliberaha mill-akkuza migjuba kontriha.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**